MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Mandat Numru. 794/2013/1

**Dr Anthony Cutajar (ID 482768M) u l-PL Alison Wadge fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati mahtura b'digriet tat-22 ta' Jannar 2013 fl-atti tar-rikors numru 436/12/JRM sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-mejta Maria sive Mary Borg (ID 375723M)**

**vs**

**Margaret Rose Sullivan mart Stanley Sullivan, bint John Formosa u Adelina nee Papargiocopulu, imwielda Sliema u residenti Ta' Xbiex (ID 685148M) u zewgha Stanley Sullivan, direttur, bin Salvino u Maria nee Attilio, imwieled u residenti Ta' Xbiex (ID392952M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ipprezentat fit-28 ta’ Mejju 2013.

Rat id-digriet tat-28 ta' Mejju 2013, fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-20 ta' Gunju 2013 u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat in-nota tal-intimati Margaret u Stanley Sullivan tal-10 ta' Gunju 2013 fejn irregistraw dikjarazzjoni li ma jopponux ghat-talba purke' jigu revokati l-atti kawtelatorji l-ohra *stante* li l-mandat odjern jipprovdi kawtela sufficjenti ghall-pretensjonijiet tal-kuraturi u, inoltre, l-ispejjez tal-mandat jibqghu bla taxxa;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2013.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Bil-proceduri odjerni, ir-rikorrent qed jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kawtela ta' kreditu in eccess ta' €11,646.86, sabiex l-intimati jigu inibiti milli jittrasferixxu b'kwalsiasi titolu, l-*utile dominium perpetuum* tal-proprjeta bl-isem *Villa Maresca,* li jgib in-numru 35, f'Ta Xbiex Terrace, Ta' Xbiex kif soggetta ghar-rata taghha ta' cens annwu u perpetwu ta' €26.86 gja LM11.53c09.

Ir-rikorrent nomine isostni li huwa kreditur kontra l-intimati fl-ammont ta' €86,617, kwantifikat *ai fini* ta' dan il-mandat, li ghandu jigi restitwit mill-intimati lill-massa ereditarja tal-mejta Maria sive Mary Borg, liema pretensjoni hija dedotta b'rikors Guramentat numru 436/12 JRM.

**Decide**

Il-Qorti hija taql-fehma li it-talba odjerna hija gustifikata skont il-Ligi.

Ghaldaqstant u fid-dawl tan-nota prezentata mill-intimati u tal-verbal tallum stess, din il-Qorti qed tilqa' it-talba tar-rikorrent noe u tordna il- hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati in kwantu li jolqot il-proprjeta bl-isem Villa Maresca, li jgib in-numru 35, f'Ta Xbiex Terrace, Ta' Xbiex kif soggetta ghar-rata taghha ta' cens annwu u perpetwu ta' €26.86, gja LM11.53c09.

Ai fini tal-artikolu 874(3) tal-Kap 12. tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnomina lin-Nutar Nicholas Vella sabiex, a spejjez tar-rikorrent jinnotifika dan il-Mandat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta' l-Artijiet, fi zmien erbgha u ghoxrin siegha, li ghandhom minnufih jiktbuh f'registru mizmum appozitament.

L-ispejjez tal-Mandat jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet f'dan l-istadju, izda jibqghu riservati ghad-determinazzjoni fil-gudizzju finali tar-rikors guramentat 436/12 JRM.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------